# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## ID-DISÁ LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 28

Il-Ġimgħa, 28 ta' Lulju, 2026

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Clyde Cauchi– Viċi Sindku
Louis Galea – Kunsillier
Lorenzo Grima – Kunsillier
Jeremy Hili – Kunsillier

Isaac Formosa – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 28.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

28.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

28.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 28.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

28.2.1 Dwar l-applikazzjoni PA/04969/26 tal-Awtorità tal-Ippjanar għall-*embellishment* tal-*Playing Field*, is-Sindku qal illi l-PA talbu xi kjarifiki mingħand il-Perit.

28.2.2 Is-Sindku talab lil Transport Malta biex mill-aktar fis possibbli jiġu miżbugħa d-*double yellow lines* fi Triq Wied Merill, li kien hemm qabel sar ix-xogħol fl-istess triq. Dan minħabba l-ilmenti ta' konfużjoni li qed tinħoloq minħabba l-parkeġġ li qed isir, u qed ikun ta' periklu kemm għar-residenti u anke għas-sewwieqa. Kien hemm qbil dwar dan. Huwa fakkar ukoll li l-*bus stop* fi Triq il-Wileġ għadha ma twaħlitx, qed ikompli jsegwi biex din issir mill-aktar fis.

28.2.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-*bin* tal-ħġieġ xħin tbattal iddaħħal ħażin u saritlu l-ħsara, minkejja l-ħsara li saret mill-kuntrattur, huwa xorta bagħat kont ta' €271.40 lill-Kunsill tal-ħsarat. Il-Kunsill qabel illi dan mhux aċċettabbli u għaldaqstant għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur fuq il-post dwar dan.

28.2.4 Dwar l-inawgurazzjoni ta' 'Siġret Niesna' l-Ministru għadha ma tatx data ta' meta hi disponibbli. Il-Kunsill qabel illi jistenna konferma.

28.2.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-APP lesta, kull ma jonqos il-permess min-naħa tal-Android. Il-ħsieb huwa li toħroġ għall-aħħar t'Awwissu.

28.2.6 Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Lorenzo Grima għax-xogħol ta' tindif li wettaq fi Triq il-Wileġ. Il-Kunsill esprima l-apprezzament tiegħu għal din l-inizjattiva, filwaqt li l-Kunsillier Lorenzo qal li wettaq dan ix-xogħol bħala parti mid-dmirijiet tiegħu.

28.2.7 Dwar it-tindif li qed isir bl-*sweeper* fil-lokalitá s-Sindku ssuġġerixxa li tingħabar informazzjoni dwar il-granet u l-ħinijiet li fihom isir it-tindif u skont din l-informazzjoni, jitpoġġew tabelli ta' 'No Parking'. B'hekk il-vetturi pparkjati ma jtellfux ix-xogħol ta' tindif. Għaldaqstant ikun jistà jsir tindif aktar effettiv fil-lokalità. Il-Kunsill qabel.

28.2.8 Korrispondenza mingħand Infinite Fusion dwar kontijiet li ilhom pendenti għal żmien twil. Il-Kunsill informa lil kumpanija li l-*cameras* tul dawn l-aħħar sentejn m'intużawx. Xħin intalbet kopja tal-*purchase order* għal dan ix-xogħol Infinite Fusion wieġbu li qatt ma rċivewha. Il-Kunsilliera preżenti mhumiex konxji mill-arranġament imsemmi u lanqas ma ġie approvat minnhom.

28.2.9 Il-Kunsill, permezz tal-Perit tiegħu, ippreżenta r-rappreżentazzjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni EP 0190/26 tal-barriera SG08 fi Triq id-Dwejra lill-ERA.

28.2.10 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett:

- Malta Tells – Opportunità biex il-Lokalità Tagħkom Tingħata Aktar Viżibilità;
- Ittra b'referenza għas-sejħa biex timtela l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz. Il-Kunsill, b'mod unanimu qabel li għalissa l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tibqà tokkupa l-kariga. Il-Kunsill tenna l-apprezzament tiegħu għall-ħidma dedikata u professjonali li qed twettaq l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. B'mod partikulari, il-Kunsill irrikonoxxa l-ħidma sostanzjali tagħha fir-rigward tal-*claims* relatati ma' diversi skemi, inklużi dawk li jmorru lura saħansitra għas-sena 2020, fejn qed tkompli taħdem sabiex dawn jiġu pproċessati u konklużi. Il-Kunsill għalhekk iqis li l-kontinwità tagħha fil-kariga, għalissa, hija fl-aħjar interess tal-Kunsill Lokali u tal-komunità ta' San Lawrenz.

28.2.11 Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bis-suġġett:

- Ċirkulari AKL 2026/021_Update Arranġament dwar ħlasijiet lill-Pulizija u garanzija bankarja għal attivitajiet esterni;
- Ċirkulari AKL 2026/049_Ai for All in Local Councils;
- Ċirkulari AKL 2026/051 Tnedija ta' l-iSTEAM Engagement Community Fund 2026/Launch of STEAM Engagement Community Fund 2026;
- Ċirkulari AKL 2026/052_Well Being Project: LCA;
- Ċirkulari AKL 2026/053_Group Life Policy 2026 – 2027 għal Membri Eletti. Il-Kunsill qabel illi jħallas din il-polza;
- Ċirkulari AKL 2026/054_Żjara l-Vatikan. Is-Sindku qal illi huwa ma jistax jattendi minħabba mpenji ta' xogħol u ġie ssuġġerit li jmur il-Viċi Sindku minflok. Il-Kunsill qabel u għandu jiġi ċċekkjat jistax isir dan;
- Ċirkulari AKL 2026/055_Sejħa għal Espressjoni ta' Interess – Smart City Expo World.

28.2.12 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex:

- Ukrainian Children Summer Camp 2026. Il-Kunsill qabel illi bħas-snin preċedenti jerġa jospità dawn it-tfal għal nofstanhar, l-Erbgħa, 2 ta' Settembru. Il-Viċi-Sindku ser jakkumpanja lil dawn it-tfal;
- Tnedija ta' l-iSTEAM Engagement Community Fund 2026;
- Kliniċi tas-Saħħa (Bereġ). F'laqgħa tas-Sindki ġie deċiż illi ssir talba konġunta lill-Ministeru tas-Saħħa biex jerġgħu jiftħu dawn il-kliniċi. Il-Kunsill qabel illi jipparteċipa f'din it-talba;
- Koordinazzjoni ta' Laqgħa ma' Dar Malta waqt il-European Week of Regions and Cities 2026;
- Current Open Calls for EU Funding. Hawn is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-applikazzjoni tal-GAGF tagħlaq fl-aħħar t'Awwissu;
- Donation of Dog Bins to Gozitan Local Councils. Il-Kunsill apprezza dan il-ġest u ġie deċiż illi dan il-*bin* jeħel Triq Wied Merill.

28.2.13 Korrispondenza mill-ANSEK bis-suġġett Achieve – Essential People Skills for Local Governance.

28.2.14 Emejl mill-Gozo Events bis-suġġett 'Elderly in Gozo 2026 – Invitation' .

28.2.15 Korrispondenza minn Sport Malta bis-suġġett 'Local Councils European Week of Sport Initiative 2026'.

28.2.16 Ġew għall-attenzjoni tal-Kunsill żewġ żviluppi b'permess numru:

- PA/04844/26 f'Daħlet Pawluzzu, Sqaq Nru. 2 Sqaq tal-Franċiż;
- PA/04763/26 fi Triq Wied Junu.

28.2.17 L-Artistic Team Victoria 31 Għawdex kitbu lill-Kunsill dwar kollaborazzjoni proposta bejn il-Kunsill u Victoria 31 Għawdex fir-rigward ta' żewġ proġetti tal-programm: Midd Idejk u Żifna. Il-Kunsill qabel li jkun parti mill-kollaborazzjoni u ser jikkontribwixxi għall-proġetti billi jiffirma żewġ Ittri ta' Intenzjoni.

28.2.18 Korrispondenza mingħand A. Falzon Energy Projects dwar is-*service agreement* il-ġdid li għandu jsir fir-rigward tal-*generator* tad-Dwejra, peress li l-ftehim preċedenti skada fid-19 ta' Lulju 2026. Il-Kunsill ma qabilx li jiffirma l-kuntratt propost fuq *generator* li huwa misluf, peress li l-*generator* proprju jinsab għand il-fornitur għat-tiswijiet. Barra minn hekk, ġie nnutat li r-rati proposti fil-ftehim il-ġdid huma differenti minn dawk li kienu japplikaw f'dak preċedenti. Għaldaqstant il-Kunsill qabel illi jitkellem mal-ERA dwar dan.

28.2.19 Friends of the Earth Malta bagħtu korrispondenza bis-suġġett 'Petizzjoni Salvaw Xtutna'.

28.2.20 Il-Kummissjoni Nazzjonali Maltija għall-UNESCO kitbet lill-Kunsill li għandha l-pjaċir toffrilu CD's edukattivi dwar il-wirt kulturali ta' Malta, biex jippromwovu l-edukazzjoni, il-kultura u l-għarfien dwar il-wirt tagħna. Il-Kunsill aċċetta.

28.2.21 Komunikat lill-Kunsill rigward parkeġġ riservat personalizzat quddiem id-dar 'Joy' fi Triq Wied Merill. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan il-parkeġġ.

28.2.22 Korrispondenza bis-suġġett 'New Television programme on TVM concerning Local Councils'. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'dan il-programm.

28.2.23 Ilment sabiex *double yellow line* fi Sqaq Daħlet il-Ġnien jingħaqad mal-kaxxa tad-*disabled* li teżisti u jerġgħu jinżebgħu l-*double yellow lines* eżistenti fl-Isqaq. Il-Kunsill qabel li tali talba għandha tintbagħat lill-uffiċċjali ta' Transport Malta.

28.2.24 Talba sabiex jiġi estiż id-*double yellow line* li hemm faċċata tad-dar bl-isem 'Carina' sa quddiem id-dar bl-isem 'Inżul ix-Xemx'. Il-Kunsill qabel li tali talba għandha tintbagħat lill-uffiċċjali ta' Transport Malta.

## 28.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

28.3.1 Il-Viċi Sindku semma l-punti li ġejjin:

- Għandu jintalab permess mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex il-bżieżaq tal-festa jkunu jistgħu jiġu ppreparati fis-sala tal-iskola, kif sar fis-sena ta' qabel; Is-Sindku ser jikteb lis-surmast dwar dan.

- It-toqob li hemm fi Triq il-Wileġ li huma relatati mal-festa għandhom jiġu rilokati sabiex jiġi utilizzat aħjar l-ispazju disponibbli għall-parkeġġ;

- Ġabar l-istimi sabiex ikun jista jsir il-*boat party* ta' wara l-festa. Il-Kunsill qabel illi jħallas is-somma ta' €800 bħala depożitu għal din l-attività;

- Meta jkun ser jibda isir ix-xogħol fuq il-pjazza, dan għandu jiġi kkordinat mal-għaqdiet sabiex jiġi evitat kull inkonvenjent.

28.3.2 Il-Kunsillier Lorenzo Grima issuġġerixxa li jsir xogħol ta' tarmak f'parti minn Triq Ċangura. Is-Sindku qal li din it-talba kienet saret, imma peress li hemm parti mdaqqsa, il-Kunsill irid jara mnejn ikun jista' jakkwista fondi biex issir.

## 28.4 Festa 2026;

28.4.1 Is-Sindku qal illi ġie ffirmat it-tielet kuntratt sabiex tkun tista tittella s-serata tal-għana fil-ġimgħa tal-Festa. L-ammont allokat ta' dan il-ftehim huwa €2,500.

28.4.2 Dwar il-*hawkers* fil-ġranet tal-festa s-Sindku ppropona li dawn jiġu allokati fid-daħla tal-iskola, bil-kundizzjoni li jinkiseb il-permess meħtieġ mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Peress li l-arranġamenti tal-festa ta' din is-sena kienu diġà avvanzati, sar qbil li din il-proposta tiġi ppruvata għall-Festa tas-sena d-dieħla.

28.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament illi jħallas is-servizz tal-*fire engine*,l-ammont ta' €640, għal waqt il-ħruq tan-nar tal-festa.

## 28.5 *Traffic management* u parkeġġ fir-raħal;

28.5.1 Is-Sindku qal illi fis-sena 2020 kien sar rapport fuq *traffic management* madwar il-lokalità. Huwa wera x-xewqa li dan jiġi aġġornat, kif ukoll issir laqgħa mal-awturi tiegħu biex mhus biss jirrifletti s-sitwazzjoni attwali, imma wkoll naraw x'jista' jiġi rranġat u attwat minnu b'mod partikulari ż-żieda fit-traffiku fil-lokalità. Il-Kunsill qabel.

28.5.2 Is-Sindku ltaqà mas-sidien tal-lukanda l-ġdida, u waqt il-laqgħa ġiet diskussa l-problema serja ta nuqqas ta' parkeġġ u kif dawn is-sidien jistgħu jgħinu f'din il-problema. Is-sidien esprimew ir-rieda tagħhom li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-parkeġġ propost. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jitlob kontribuzzjoni finanzjarja simili mingħand l-iżviluppatur l-ieħor li ser jibni proġett ieħor.

## 28.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

28.6.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 25 għal perjodu ta' bejn s-27 ta' Ġunju 2026 u t-28 ta' Lulju 2026 li tammonta għal €22,808.97 ġiet approvata u ffirmata.

28.6.2 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 55 għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu 2024 u l-14 ta' Marzu 2024 li tammonta għal €14,018.90 ġiet approvata. Din l-iskeda ġiet imressqa għall-approvazzjoni f'din il-laqgħa għall-fatt li l-minuti relatati magħha ma sarux mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti minkejja li nġibditilha l-attenzjoni fuqhom. Għaldaqstant xħin intbagħtu ma' *claim* tal-SPI ġie rrealiżżat li l-iskeda qatt ma ġiet approvata f'laqgħa.

## 28.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

28.7.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.00p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 24 t' Awwissu 2026 fis-6.00p.m.

Ikkonfermati, nhar it-Tnejn, 24 t'Awwissu 2026.

| | |
|---|---|
| Noel Formosa | Josianne Cassar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |